



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9466/23

UK 95
RC 15

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja
u l-Irlanda ta' Fuq għal ftehim dwar il-kooperazzjoni
u l-iskambju ta' informazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 103 u 352, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq, min-naħa l-oħra¹ (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021, wara li kien ilu japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021.
- (2) Wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") mill-Unjoni, il-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni mal-awtorità tal-kompetizzjoni tar-Renju Unit fil-kuntest tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni, li permezz tagħha l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin, ma għadhomx jeżistu.

¹ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.04.2021, p. 2).

- (3) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ma jipprovdi għal tali kooperazzjoni mill-qrib u jippermetti biss il-kooperazzjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni li hija permessa skont ir-regoli domestiċi. Skont l-Artikolu 361(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, madankollu, il-Partijiet jistgħu jidħlu fi ftehim dwar kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u l-awtorità jew l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tar-Renju Unit, li jista' jinkludi kondizzjonijiet għall-iskambju u l-użu ta' informazzjoni kunfidenzjali.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim supplimentari, skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, mar-Renju Unit dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati għal ftehim supplimentari, skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar il-Kummerè u l-Kooperazzjoni, mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan nominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit u f'konformità mad-direttivi li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni, soġġett għal kwalunkwe direttiva li l-Kunsill jista' sussegwentement joħroġ lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
